MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 555/2004

**Leslie Causon ghan-nom u in rapprezentanza ta' Gasan Insurance Agency Limited u din bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera General Accident Fire and Life Assurance Corporation PLC ta' Perth, Scotland u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Sanga Limited skond il-ligi u skond il-polza ta' assigurazzjoni (Claim 917120)**

**vs**

**Joseph Hili ghan-nom u in rapprezentanza ta' Carmelo Caruana Shipping Agency Limited u din bhala agent tas-socjeta' Estera Zust Ambrosetti S.P.A. tal-Italja u bhala agenti/forrnituri tal-vapur MAIOR u Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' The Cargo Handling Company Limited u b'digriet tal-15 ta' Novembru 1993 Alexander Zammit, Charles Cutajar, Maurice Tanti u Paul Grech gew kjamati in kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur nomine fl-4 ta' Mejju 1992 fejn espona lil din il-Qorti illi s-socjeta' Sanga Limited importat mill-Italja ghall-Malta konsenja ta' 43 kartuna merkanzija (sportswear sports shoes) li waslet Malta fit-12 ta' Ottubru 1991 abbord il-vapur Maior, liema tragitt kien regolat minn polza ta' karigu rilaxxata mill-konvenut Hili nomine.

Illi l-konsenja tghabbiet fuq il-vapur f'kundizzjoni tajba kif jidher mill-istess polza ta' karigu izda meta l-merkanzija giet konsenjata lis-socjeta' importatrici instab li kien hemm diversi kartuniet nieqsin u ohrajn kellhom parti mill-kontenut nieqes.

Illi s-socjeta' Sanga Ltd sofriet danni ammontanti ghal Lm3608.49.

Illi s-socjeta' Sanga Ltd kienet assikurata ma' l-attur nomine taht polza "all risks" u ghalhekk kif kien obbligat li jaghmel l-attur nomine hallas is-somma ta' Lm3608.49 u b'hekk gie surrogat fid-drittijiet tal-assigurat skond il-ligi u skond il-polza.

Illi dan it-telf gara htija tal-konvenut nomine jew min minnhom li, interpellati biex ihallsu baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant ighid il-konvenut ghaliex din il-Qorti, prevja okkorrendo dikjarazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom huwa responsabbli ghat-telf fuq imsemmi, tikkundannahom:
1) ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm3608.49 ghar-ragunijiet premessi.
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-29 ta' Novembru 1991 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Hili nomine fejn eccepixxa:

1. Illi, preliminarjament, s-socjeta' Carmelo Caruana Shipping Agency Limited mhijiex agent jew fornitur tal-vapur MAIOR u ghalhekk ghandha tigi liberata mid-domandi;

2. Illi, preliminarjament ukoll izda subordinatament ghall-ewwel eccezzjoni, ma ngiebet ebda prova li s-socjeta' attrici giet legalment surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' assigurata Sanga Limited.

3. Illi, fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat telf ma kienx rizultat ta' titija minn naha tal-eccipjent nomine.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija "de quo" giet sbarkata bil-hsarat u bin-nuqqas minn got-trailer Nru GE 9383 kif jirrizulta mid-damage report, mill-Gate Pass Out Nru A 166130, mill-formola ta' List of packages landed totally empty u mill-cargo receipt.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru 1993 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Alexander Zammit, Charles Cutajar, Maurice Tanti u Paul Grech.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Alexander Zammit fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni ta' l-attur giet intavolata quddiem il-Qorti zbaljata u quindi dina l-Onorabbli Qorti hi nkompetenti li tisma' l-kaz "ratione materiae" stante li l-eccipjenti mhux kummercjant.

2. Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, il-pretenzjonijiet tal-attur nomine fil-konfront tal-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fil-Ligi u ma jirrispekkjawx u ma jirriflettix il-fatti u c-cirkostanzi tal-kaz kwantu r-rifurtiva li allegatament ittiehdet minnu tista' tigi kkonsenjata liberament lill-attur nomine.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Maurice Tanti fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit illi l-azzjoni ghad-danni hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153;

2. Illi fit-tieni lok l-attur ghandu jipprova li huwa surrogat tas-socjeta' Sanga Limited; fin-nuqqas l-eccipjent ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi l-eccipjent qatt ma' jista' jigi kkundannat ihallas s-somma mitluba u dan peress illi tali talbiet fil-parametri tal-premessi tac-citazzjoni qatt ma jistghu jikkonfiguraw fil-konfront tieghu; u dan stante li mkien m'huwa premess illi tali danni gew kawzati minn xi agir doluz u kriminuz;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont li qieghed jigi mitlub huwa fil-verita' inqas u dan stante li minnu jridu jigu mnaqqsa dawk l-ammonti li gew ritornati jew ghad jistghu jigu ritornati fi stadju ulterjuri, inter alia dawk l-oggetti li jinsabu esebiti fil-Qorti Kriminali;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Charles Cutajar fejn eccepixxa:

1. Illi kif inhuma l-premessi tac-citazzjoni peress illi huma la kellhom il-vapur illi garr l-oggetti u lanqas is-socjeta' Sanga ma kellha xi relazzjoni mal-konvenuti, mhix sostenuta t-talba ghal kundanna tal-hlas "ghar-ragunijiet premessi".
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Paul Grech fejn eccepixxa:

1. Illi kif inhuma l-premessi tac-citazzjoni peress illi l-konvenuti la kellhom il-vapur illi garr l-oggetti u lanqas is-socjeta' Sanga ma kellha xi relazzjoni mal-konvenuti, mhix sostenuta t-talba ghal kundanna tal-hlas "ghar-ragunijiet premessi".

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' riduzzjoni ta' l-attur tas-7 ta' Frar 2000 (fol 65) fejn irriduca s-sorte ghal Lm3354.99 wara ritorn ta' xi oggetti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Rat in-nota ta' l-attur tat-30 ta' Settembru 2004 fejn ipprevalixxa ruhu bil-provvedimenti ta' l-Artikolu 34 tal-Att 1(9) tat-2004 biex din il-kawza setghet titkompla quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Rat in-nota ta' l-attur tas-27 ta' Novembru 2008 fejn il-kawza giet ceduta fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Maurice Tanti wara ftehim mieghu.

Rat il-verbal tat-22 ta' Jannar 2009 fejn is-sorte gie ridott ghal darb'ohra Lm2554.50, ekwivalenti ghal €5950.38 illi l-atturi qeghdin finalment jirreklamaw f'din il-kawza

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda nuqqasijiet ta' merkanzija illi gew riskontrati wara li giet importata Malta mis-socjeta' Sanga Limited permezz tal-vapur MAIOR fit-12 ta' Ottubru 1991.

Irrizulta mill-provi illi l-merkanzija thattet minn fuq il-vapur u tpoggiet f' *Laboratory Wharf* taht il-kustodja tad-dwana,

f'post mhux accessibbli ghall-pubbliku. F'dawk l-ambjenti t-*trailer* kien taht ir-responsabbilta' tal-konvenuti Cargo Handling. Jidher pero' li xi ufficjali tad-dwana kif ukoll ufficjal tal-pulizija wettqu serqa minn dan it-*trailer* u f'Novembru 1991 il-pulizija tramite l-Ispettur Gaetano Walker (fol 151) irceviet rapport minghand id-ditta Sanga Limited illi *tracksuits* tal-marka Essex u Sanga kif ukoll sportswear iehor kienu qeghdin jinbieghu fuq il-monti tal-Birgu u Marsaxlokk. Il-pulizija nvestigat il-kaz u rrizultalha illi persuna mpjegata d-dwana bhala gwardjan kien qed ibiegh it-tracksuits. Dana kien Alexander Zammit, id 327665(M). Gie nterrogat mill-Pulizija u ammetta l-involviment tieghu f'din is-serqa u qal li flimkien mieghu kien hemm gwardjani ohrajn Charles Cutajar u Paul Grech u Jason Farrugia. Flimkien maghhom kien hemm ukoll PC 1108 Maurice Tanti. Jason Farrugia miet fil-mori tal-kawza, ghalhekk Alexander Zammit, Maurice Tanti, Charles Cutajar u Paul Grech gew arrestati u nterrogati u kollha ammettew l-involviment taghhom.

L-ispettur Walker spjega l-metodologija tas-serqa fejn irrizulta illi t-trailer kien wiehed b' '*canvas top'*, b'habel illi jorbot il-*canvas* mat-*trailer*. F'tarf il-habel kien hemm is-sigilli. Il-persuni nvoluti fis-serqa qatghu l-habel b'mod li s-sigilli baqghu ntatti. Fethu l-*canvas*, hadu li riedu u l-habel regghu ghaqqduh bis-*superglue*. Dana huwa wkoll konfermat minn Joseph Catania (fol 163) illi huwa l-*warehousing officer* tad-dwana fejn kien prezenti meta nhatt it-*trailer* u seta' jinnota illi s-sigilli kienu ntatti. Qal illi mill-apparenza t-t*railer* ma kellux hsarat pero' seta' jiccertifika illi minn dan it-*trailer* tnizzlu 38 *packages* minn 43. Mit-38 kien hemm tmienja dannegjati, zewg *packages* vojta u tlieta mxarrbin.

Frank Camilleri (fol 159) ghan-nom tad-ditta Sanga Limited kien ukoll prezenti meta l-merkanzija nhattet id-dwana u seta' jinnota n-nuqqasijiet u l-hsarat imsemmija minn Joseph Catania. Qal ukoll illi d-ditta tieghu hallset id-dwana fuq il-merkanzija kollha, kemm fuq dik illi tnizzlet, kif ukoll fuq dik illi nsterqet.

B'sentenza ta' l-Appell Kriminali tat-13 ta' Marzu 1998 (fol 167) il-kjamati fil-kawza Alexander Zammit, Maurice Tanti, Charles Cutajar u Paul Grech gew misjuba hatja ta' serq in konnessjoni ma' dan l-incident. Fost affarijiet ohra s-sentenza qalet *"fil-kaz prezenti l-appellanti Zammit, Cutajar u Grech fil-mument tal-kommessjoni minnhom ta' serq kienu gwardjani tad-Dwana u l-appellant Tanti kien kuntistabbli u l-erba' li huma kienu qeghdin f'Laboratory Wharf fil-kwalitajiet rispettivi taghhom imsemmijin bid-dmir li jissorveljaw biex ma jigix kommess proprju s-serq li kkommettew huma."* Ghalhekk fuq ir-responsabbilta' tal-kjamati fil-kawza l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju lanqas fil-grad tal-kamp civili.
Fis-sottomissjonijiet tieghu pero' l-avukat ta' l-atturi qal illi filwaqt illi l-vapur ma kienx responsabbli ghax il-merkanzija kienet diga' fl-art, il-Cargo Handling bhala depozitarji kellha tkun responsabbli ghax ma kellhomx kontroll fuq in-nies taghhom. Filwaqt illi din il-Qorti taqbel illi l-vapur ma kienx responsabbli, ma taqbilx li ghandu jkun hemm xi responsabbilta' fuq is-socjeta' konvenuta Cargo Handling u dana l-ghaliex is-serqa giet kommessa minn gwardjani tad-Dwana u Pulizija illi kienu mqabbda ghal ta l-apposta sabiex jissorveljaw il-merkanzija u jaraw illi tibqa' shiha u konsenjata lis-sidien. Is-socjeta' Cargo Handling ghamlet id-dmir taghha meta poggiet it-*trailer* taht il-kustodja tad-Dwana *go Laboratory Wharf*, post mhux accessibbli ghal pubbliku, fejn allura bi dritt seta' jkollha mohha mistrieh li l-merkanzija kienet ben kustodita. Ma kienx mistenni illi tippretendi illi l-istess gwardjani illi kienu qeghdin jaghssu l-merkanzija kienu se jisirqu parti minnha. Filwaqt illi l-Qorti tirrealizza illi bhala depozitarju bi hlas kellha oneru aktar minn *bonus pater familias* sabiex tassigura illi l-oggett depozitat ghandu jigi kkonsenjat shih ghand il-konsennatarju, pero' f'dan il-kaz is-socjeta' Cargo Handling qdiet id-dmirijiet taghha bhala depozitarji u ma tarax illi ghandha tkun ukoll responsabbli ghal reat kriminali maghmul minn gwardjani tad-Dwana u Pulizija li proprju kienu prezenti fil-post biex jissolveljaw il-merkanzija. Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-kjamati fil-kawza ghandhom ikunu responsabbli "in solidum" ta' din is-serqa u ghat-telf illi s-socjeta' Sanga Limited sofriet b'kawza ta' l-operat taghhom.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tiddikjarahom mhux responsabbli ghas-serqa in kwistjoni u lil Maurice Tanti stante in-nota ta’ cessjoni fil-konfront tieghu tilqa’ t-talba ta’ l-attur nomine fil-konfront tal-kjamati fil-kawza Alexander Zammit, Charles Cutajar u Paul Grech u tikkundannahom solidalment li jhallsu lill-attur nomine l-ammont ta’ €5950.38 ghar-ragunijiet premessi. Bl-ispejjez ukoll solidalment kontra l-kjamati fil-kawza Alexander Zammit, Charles Cutajar u Paul Grech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------